MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Numru 499/2002

**Artikolu 298(1), 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,**
**artikolu 72(1) tal-Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta,**
**Avviz Legali 120/1992**

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**
**V**

**ANTHONY FORMSTON**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **ANTHONY FORMSTON** ta' tlieta w erbghin sena, bin Anthony u Carmen nee Fenech, imwieled Pieta nhar t-tmintax ta' Novembru 1967 u joqghod 177, Flat 13, Triq San Kristofru, Valletta, detentur

tal-karta tal-identita numru 476667M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tnejn ta' Gunju 2002 f'dawn il-Gzejjer iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiiet, il-marki jew s-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodotti ta' industrija jew xjentement ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin wkoll jekk minn haddiehor minghajr l-kunsens tas-sid jew ghamel uzu xjentement ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihhom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew biegh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe hames flokkijiet u zewg qlizet tal-marka DIESEL;

Talli fl-istess perjodu ghamel qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, iddublika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johrorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

Talli fl-istess perjodu bil-ghan li jiehu vantagg ghalih nnifsu jew ghal persuna ohra jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr l-kunsens tal-proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettajr taghhom sinjal identiku ghal jew li x'aktarx jitghawwad ma trademark registrata, jew biegh jew kkreja, offra jew espona ghal bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu sinjal bhal dak;

Talli b'hekk tqis li opera minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-fedina penali tal-istess imputat.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali esebit fl-atti datat wiehed u ghoxrin ta' Gunju 2002 sabiex din il-kawza tigi mmexxija bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrat fl-atti fis-seduta ta' llum disgha w ghoxrin ta' Settembru 2003.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod u tatu zmien xieraq biex jekk irid jerggha lura mill-ammissjoni tieghu u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat l-Qorti tiddikjara li qed issb lil imputat ANTHONY FORMSTON hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 298(1), 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 72(1) tal-Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 120/1992.

Semghet lil Prsoekuzzjoni tghid li l-imputat ikkopera bis-shih maghha u li llum l-imputat biddel il-generu tan-negozju tieghu.

**Ghaslhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati, tiddikjara li qed issib lil imputat ANTHONY FORMSTON hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitt lira maltin.**

**Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti esibiti favur il-Gvern ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------